# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 55 – IT-TLIETA 30 TA' AWWISSU 2016

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku |
| Assenti : | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Ma kienx hemm persuni jattendu.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 53 U 54**

1.1 Il-Kunsill approva l-minuti tal-Laqgħa Nru. 53 U Laqgħa 54 mingħajr emendi u ġew iffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI 53 U 54**

2.1 Is-SE infurmat li wara li l-Kunsill kien talab lis-Sindku u s-SE sabiex isibu *caterer*, preferibbilment mil-lokal, biex jieħu ħsieb l-ikel u x-xorb għall-attività ta' Military Mtarfa, is-Sindku kien avviċina lill-persuna li jmexxi l-*Club House* u li għandu l-faċilitajiet kollha biex jagħmel l-ikel, biex f'ismu jieħu ħsieb il-maġġorparti tal-ikel u x-xorb tal-attività. Dan kien qabel u fil-ġranet li ġejjin kien se jgħaddi proposta lill-Kunsill dwar x'tip ta' *sponsorship* se jagħti. Is-SE infurmat li min-naħa tal-Kunsill tal-Isla kienu għaddew numru ta' stediniet għall-attivitajiet tal-proġett tal-LUNF.

2.2 Fir-rigward ta' para. 7, is-SE infurmat li kienet għadha m'għamlitx kuntatt mal-periti minħabba l-ħruġ tal-offerta, biex ikunu fuq il-bord tal-evalwazzjoni.

2.3 Is-SE infurmat li kienet tkellmet mal-kuntrattur tal-iskart u dan kien aċċetta li jagħmel il-ġabra ta' ħdejn it-torri tal-ilma bil-mixi kif mitlub mingħajr ma jitlob flus *extra* għal dan is-servizz, ħlief għal €2 kuljum kif kien miftiehem waqt il-laqgħat preċedenti. Hija infurmat li matul dik il-ġimgħa kienet se titqassam l-ittra u li min-nhar it-Tnejn 5 ta' Settembru, iż-żona ta' ħdejn it-torri tal-ilma kien se jibda jinġabrilhom l-iskart bieb bieb.

2.4 Hija infurmat ukoll li kienu ġew ordnati s-sinjali l-ġodda bil-ħinijiet ta' meta jista' jinħareġ l-iskart u li dawn kienu se jitwaħħlu wara li titqassam l-ittra lir-residenti.

2.5 Is-SE infurmat ukoll li kienet kellmet lill-uffiċjal responsabbli mill-gwardjani u li dan kien infurmaha li ma jistgħux jinħarġu ċitazzjonijiet stampati bħala twissija iżda jistgħu jibqgħu jinkitbu xorta waħda.

2.6 Is-SE infurmat li kienu ddaħħlu ż-żewġ applikazzjonijiet għall-iskemi, sew dik tal-librerija u anke dik tar-restawr.

2.7 Is-SE infurmat li kienet iltaqgħet ma' rappreżentant ta' kumpanija privata li jissuplixxu s-CCTV's u wara li daru l-postijiet kollha, dan kien wegħdha li se jgħaddilha d-dokumentazzjoni fir-rigward. Sfortunatament sa qabel il-laqgħa kienet għadha ma rċevietx kopja tagħhom.

2.8 Dwar para. 12.4, is-SE infurmat li l-iskrivana li qed tieħu ħsieb kienet imsiefra u għaldaqstant kienet se tgħaddilhom l-informazzjoni waqt il-laqgħa li jmiss.

2.9 Is-SE infurmat li l-arblu tad-dawl fi Triq Dar il-Kaptan kien tneħħa u li x-xogħlijiet irrapurtati lill-kennies u lill-ġardinar kienu saru.

2.10 Fir-rigward tal-ittra min-naħa tal-avukat tal-HA, is-SE infurmat li l-avukat tal-Kunsill kien jinsab imsiefer sal-għada l-Erbgħa u għaldaqstant kienet talbet estensjoni biex tintbagħat ir-risposta.

2.11 Is-SE infurmat li kienet bagħtet korrispondenza lid-DLG sabiex tagħmel talba uffiċjali biex isir il-ġemellaġġ ma' Pumpherston. Kienet ukoll iltaqgħet ma' rappreżentant tal-MEUSAC flimkien mas-Sindku u ġiet ifformulata applikazzjoni għall-fondi tal-EU.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Fuq il-cameras, is-Sindku tkellem mal-Alberta. Huwa informa li kien ġie avzat li jekk il-Kunsill jipprovdi arblu u l-elettriku, il-prezz tal-installazzjoni jiġi jiswa €260 kull camera. Huwa informa li mill-filmat setgħu jinqatgħu biċċiet fejn jidhru n-numri tal-vetturi u mbagħad jintbagħtu lil-LESA. Huwa qal li fir-rigward ta' persuni li jkunu bil-mixi, għandhom jittellgħu r-ritratti fuq *facebook* sabiex kulħadd ikun jaf bl-irresponsabbiltà ta' dawn il-persuni. Is-SE ġiet mitluba ġġib aktar kwotazzjonijiet.

3.2 Is-Sindku informa li dakinhar kienet saret l-attività t'Ghawdex u kollox kien mar tajjeb ħafna. B'kollox kien hemm grupp ta' madwar 60 anzjan u *carers*.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-listi tal-pagamenti, kopja tagħhom mehmuża, ġiet approvata u ffirmata mis-Sindku u mis-SE.

## 5. ĠBIR TA' SKART FIL-LOKALITÀ

5.1 Is-SE infurmat li diġà kienet għaddiet l-informazzjoni dwar din il-materja aktar qabel.

## 6. ĊIRKULARI NRU. 16/2016 – ĦATRA TA' DEPUTAT SEGRETARJU EŻEKUTTIV

6.1 Is-SE infurmat li d-DLG kien qed jitlob lill-Kunsill biex jaħtar Deputat SE biex fl-eventwalità li jkun hemm assenza mis-SE tal-Kunsill, ikun hemm *replacement* bla dewmien. Hija infurmat iżda li kellha talba mill-ANSEK li għalissa kienu qed isiru diskussjonijiet mad-Direttur tad-DLG fir-rigward ta' xi mistoqsijiet li nqalgħu wara li

ntbagħtet din iċ-ċirkulari. Għaldaqstant il-Kunsill kien qed jintalab biex ma tittieħidtx deċiżjoni għalissa.

**7. ĊIRKULARI NRU. 17/2016 – NUQQAS TA' ATTENDENZA GĦAL-LAQGĦAT MINN MEMBRI U KUNSILLIERI**

7.1 Is-SE infurmat li kienet għaddiet kopja taċ-ċirkulari kif ukoll l-att tal-liġi fejn jitkellem dwar l-attendenza tal-laqgħat u tal-Kunsilliera. Hija talbet lill-Kunsill sabiex isib ħin jerġa' jaqra din il-kommunikazzjoni.

**8. APPROVAZZJONI TAL-KWOTAZZJONI PUBBLIKA MTFLC/Q/04/2016 – *SUPPLY OF TRAFFIC SIGNS AND ROAD MARKINGS***

8.1 Is-SE infurmat li kien hemm biss *supplier* wieħed li tefa' l-offerta.

8.2 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-offerta ta' B. Grima and Sons.

8.3 Kien hemm qbil li hekk kif ikun hemm approvazzjoni tal-linji ta' Pjazza Palma, is-SE kellha tagħmel works order lill-kuntrattur B. Grima and Sons biex jiġu mmarkati l-parkeġġi ġodda.

8.4 Fuq talba tal-Kunsillier Mifsud, kien hemm qbil li għandu jsir ir-*refreshing* ta' Triq il-Kav. Vincenzo Bonello.

8.5 Is-Sindku informa li fil-prezent kien qed ikun hemm 10 vetturi pparkjati fi Triq Gregorio Carafa. Huwa fakkar lis-SE sabiex tivverifika kemm jistgħu joqogħdu vetturi jekk jiġu mmarkati skont il-linji gwida ta' TM.

**9. PUNTI OĦRA**

9.1 Il-Viċi Sindku informa li xi nies irresponsabbli kienu waddbu xi biċċiet tat-tigieg fl-iskip ta' Triq l-Imtarfa. Is-SE ikkonfermat li din l-iskip kienet qed tiġi abbuzata fuq bazi regolari. Kien hemm qbil li GreenMT għandhom jintalbu jneħħuha mill-aktar fis possibbli.

9.2 Il-Viċi Sindku fakkar lis-SE sabiex tqabbad lill-handymen jirranġaw il-madum tal-pjazza. Hija talbet li jingħata ftit ċans minħabba li fil-prezent huma okkupati ħafna bix-xogħlijiet relatati ma' Military Mtarfa. Hija infurmat ukoll li skont informazzjoni li għaddiet lilha, hemm xi individwi li qed jgħaddu bil-vetturi minn fuq il-madum u din hija r-raġuni għaliex reġa' hemm il-madum imkisser.

9.3 Is-SE infurmat li kien waqa' l-ħajt tal-iskola sekondarja u kienet għaddiet rapport lill-*Precincts Officer* u lid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

**10. AĠĠORNAMENT**

11.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8:25pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-3 ta' Ottubru 2016 fis-7:30pm.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Daniel John Attard**<br>**Sindku** |